MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 888/2005/2

**Paul u Dorothy konjugi Zarb**

**vs**

**Emanuel u Carmen konjugi Ellul**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' Jannar, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi qieghdin jitolbu s-somma ta' elfejn, mija, erbgha u hamsin Ewro u sebgha u sittin centezmi (€2154.67), ekwivalenti ghal Lm925, rapprezentanti l-awment ta' Ewro, wiehed u sittax-il centezmu (€1.16), ekwivalenti ghal hamsin centezmu (50c) kuljum, fil-kera tal-hanut *'Promenade Take Away'*, 88 gja` 49, Triq is-

Salini, M'Scala mill-20 ta' Jannar, 2000, sat-13 ta' Frar, 2005 u dana skond skrittura originali tal-kera datata 12 ta' Dicembru, 1985, kif modifikata bl-iskrittura datata 9 ta' Settembru, 1992.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali tal-21 ta' Jannar, 2005 u b-imghax legali mid-data ta` l-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagamenteffettiv, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn giet sollevata illi fil-mertu t-talba attrici ghandha tigi michuda billi l-awment mitlub mill-atturi fuq il-kera tal-hanut *Promenade Take Away* mikri lill-eccipjenti mhuwiex dovut skond l-iskrittura ta' lokazzjoni kif modifikata.

Illi fil-15 ta' Lulju, 2005 giet prezentata eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti fejn giet sollevata l-inkompetenza tat-Tribunal *ratione materiae*. Illi fit-23 ta' Marzu, 2006, it-Tribunal f'sentenza preliminari, cahad l-eccezzjoni ulterjuri. Illi fl-4 ta' Mejju, 2006 it-Tribunal laqa' t-talba ghall-appell mis-sentenza preliminari. Illi fl-1 ta' Novembru, 2006 il-Qorti ta` l-Appell irrespinga l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata li cahdet l-eccezzjoni ta` l-inkompetenza *ratione materiae*, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-konvenuti appellanti u rrimandat lura lit-Tribunal biex dan jinvesti u jiddeciedi l-mertu tat-talba ta` l-atturi u l-eccezzjoni ghaliha.

Bl-Ispejjez kontra l-atturi.
Bl-Ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti tal-kawza.

Ra l-affidavits u sema` x-xhieda ta' Dorothy Zarb, Paul Zarb, Emanuel Ellul, Maria Rizzo, John Rizzo u Joseph Rizzo.

Ra n-noti ta' l-osservazzjonijiet maghmula mill-partijiet.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidra

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghal hlas ta' awment ta' €1.16 ekwivalenti ghal 50c kuljum kera skond Artiklu (d) ta` l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 9 ta' Settembru, 1992, *'illi s-sidien qieghdin jikkonfermaw illi l-inkwilin jista' jwelli jew jissulloka lil terzi skond kif stipult fil-ftehim ta' lokazzjoni originali tat-12 ta' Dicembru, 1985*, *bil-patt pero' illi fil-kaz ta' twellija jew sullokazzjoni, il-kera dovuta mill-akkwirent il-gdid tkun ta' hamsin centezmu (50c) kuljum oghla minn dik kurrenti.'* Illi ghalhekk it-Tribunal ha jkollu jinvadi kamp li normalment mhuwiex tieghu u jestendi l-indagini tieghu fl-ezistenza o meno tal-fatt allegat tas-sullokazzjoni u / jew tac-cessjoni. Dan huwa necessarju ghad-decizjoni finali fuq l-oggett tal-kawza bil-kompitu tat-Tribunal ghal fini li jakkolji jew jichad it-talba.

Illi fl-1999 kienet saret talba mill-atturi ta' din il-kawza, fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sabiex huma jinghataw taghrif dwar kif ghadda l-hanut u l-konvenuti kellhom juruhom kull kitba li saret bejniethom dwar it-tehid tal-hanut. Din il-kawza tirrigwarda l-istess partijiet kif ukoll l-istess hanut mertu tal-kawza odjerna. Illi skond il-provvediment moghti mill-Onorabbli Qorti, Prim'Awla fit-3 ta' Mejju, 2002, fl-ismijiet Paul u Dorothy mizzewgin Zarb vs Adrian Attard u Emmanuel u Carmen mizzewwgin Ellul, il-Qorti pprovdiet billi akkoljiet it-talba ta` l-atturi, fejn l-atturi inghataw it-taghrif li xtaqu u cioe` irrizulta illi a) ir-registrazzjoni ghall-ghanijiet tat-taxxa fuq il-valur mizjud kienet fuq isem Adrian Attard u b) Ellul kien qed jiehu s-somma ta' Lm50 fil-gimgha ikun kemm ikun il-qliegh u c) it-telf kien ibaghtih Attard.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Qorti fis-sentenza taghha kienet konvinta illi ma kienetx emmnet il-verzjoni ta' Attard u cioe' li huwa kien impjegat ta' Ellul.

Mix-xhieda ta' Dorothy Zarb hija tghid illi kienet intebhet fit-tibdil ta' gestjoni tal-hanut taghhom li kienu krew lill-konvenuti sa mill-1998 izda kienet taccetta l-kera minghajr l-awment. Dan ma jfissirx illi huma rrinunzjaw ghad-dritt ta` l-awment. Jidher car illi konsegwenza ta' dan it-taghrif mix-xhieda dokumentali jirrizulta illi infethet kawza fl-1999 mill-atturi hawn fuq citata li giet deciza fl-2002, liema provvediment huwa precitat.

Jidher illi r-ricevuta tal-kera kienet tinhareg regolarment fuq l-ammont imhallas. Dan l-ammont qatt ma kien jinkludi l-awment. Kien biss wara hafna li kien inghatalhom parir li jiktbu il-kliem *'minghajr pregudizzju'* fuq l-ircevuta. Izda mx-xhieda dokumentali, kif ukoll mill-kawza li giet deciza fl-2002, fl-istess ismijiet tal-kawza odjerna jidher car illi l-atturi ma riedux icedu ghall-awment. Johrog car ukoll illi gie ritenut mill-kliem tal-Qorti fis-sentenza tat-3 ta' Mejju, 2002, illi Ellul ma kienx gie emmnut mill-Qorti. Gie konstatat illi Ellul kien qed jiehu Lm50 fil-gimgha minn Attard, ikun kemm ikun il-qliegh, it-telf ibaghtih Attard. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi r-relazzjoni ta' impieg kienet wahda simulata.

Sema` x-xhieda tal-konvenut Ellul fejn qal illi prezentement huwa ghandu xi nies ohra impjegati fil-hanut izda li ma jhallasx il-bolla ghalihom peress illi huma *part-timers.* Huwa jhallashom €4.66 fis-siegha ekwivalenti ghal Lm2 fis-siegha. Jidher illi ghalkemm fl-2002 ir-registrazzjoni ghall-ghanijiet tat-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT) kienet fuq isem Attard, ghan-nies godda li hemm prezentement fil-hanut, huwa zamm ir-registrazzjoni tal-VAT fuq ismu.

> In konkluzzjoni, t-Tribunal huwa moralment konvint ghalkemm qatt ma rrizulta xi skrittura ta' sullokazzjoni ma` Attard, l-intenzjonijiet ta' Ellul hargu cari mis-sentenza tal-Qorti, fl-2002, kif ukoll mix-xhieda ipprezentata mill-attur u ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti kienu cedew il-hanut lil Adrian Attard u li l-awment ta' 50 centezmi kuljum ghalhekk skatta u huwa dovut mill-konvenut.
>
> Ghar-ragunijiet fuq moghtija it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficjali datata 21 ta' Jannar, 2005 u bl-imghax mid-data ta` llum sa l-pagament effettiv.**"**

Bazikament, l-appell tal-konvenuti fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu wiehed ta' attakk ta' l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal, jew ahjar, tan-nuqqas da parti tat-Tribunal illi f'dak l-istess apprezzament iqis id-deposizzjoni ta' l-appellanti Emanuel Ellul u l-fatt tar-ricezzjoni tal-kera mill-atturi bla ebda rizerva ta' l-awment pretiz minnhom. B'sussidju ghal dan l-ilment principali taghhom il-konvenuti jirrikorru ghal dawk il-principji tad-dritt li jghoddu ghal kaz. *Inter alia*, id-distinzjoni bejn ic-cessjoni u s-sullokazzjoni ta' hanut, ir-rinunzja tad-dritt vantat mill-atturi, u l-punt procedurali illi huma ma ghandhomx jitqiesu l-legittimi kontradditturi;

Il-parti operativa tas-sentenza appellata li fuqha hu bazat id-dispositiv hi mit-Tribunal koncepita f'dawn it-termini:-

"In konkluzjoni, t-Tribunal huwa moralment konvint ghalkemm qatt ma rrizulta xi skrittura ta' sullokazzjoni ma` Attard, l-intenzjonijiet ta' Ellul hargu cari mis-sentenza tal-Qorti, fl-2002, kif ukoll mix-xhieda ipprezentata mill-attur u ghalhekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal jidhirlu li l-konvenuti kienu cedew il-hanut lil Adrian Attard

u li l-awment ta’ 50 centezmi kuljum ghalhekk skatta u huwa dovut mill-konvenut.”

Il-Qorti jidhrilha li ghandha ghal mument tissofferma fuq din il-parti razzjonali tas-sentenza hawn riprodotta biex taghmel din l-osservazzjoni. Il-konvinzjoni morali ta’ gudikant ma tistax tissussisti *in vacuo* imma jrid ikollha bazi konkreta fil-provi processwali. In tema, hu bil-wisq pacifiku, illi “l-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex” (“**Eucharistico Zammit -vs- Eucharistico Petricocchino nomine**”, Appell Civili, 25 ta’ Frar, 1952). Certezza morali din li, di regola, trid tkun bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Ara wkoll “**Carmelo Borg -vs- Manager Intrapriza tal-Halib**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 17 ta’ Lulju, 1981 u “**Paul Vassallo -vs- Carmelo Pace**”, Appell Civili, 5 ta’ Marzu, 1986;

L-osservazzjoni hawn riproposta tinduci ghal din ir-riflessjoni. In linea ta’ massima ma jistax ikun hemm dubju illi hija haga idealment deziderabbli u mistennija illi l-gudikant jokkupa ruhu mill-provi kollha in atti. Jibqa’ pero` principju sagrosant fl-ordinament processwali taghna illi l-valutazzjoni ta’ dawk l-istess provi hi mhollija ghal liberu konvinciment tal-gudikant. Hemm raguni guridika ghal dan. Hu ghandu s-setgha diskrezzjonali li jistharreg u japprezza l-elementi varji tal-provi, processwalment akkwiziti, u li jipprovdi dwarhom il-konsiderandi tieghu, kompriz il-gudizzju fuq il-verosimiljanza u l-attendibilita` taghhom. Dan dejjem, s’intendi, illi fil-perkors ta’ din ir-ricerka formattiva huwa jindika r-raguni ta’ dak il-konvinciment tieghu;

Premess dan, ezami tas-sentenza appellata, l-aktar minn dik il-parti taghha fuq riportata, turi li din tipprovdi kwadru ta’ dawk l-elementi saljenti li fuqhom it-Tribunal iffonda l-konvinciment tieghu u dak ta’ l-*iter* segwit minnu biex wasal ghall-konkluzjoni proprja;

Primarjament, il-gudikat kostitwit mid-decizjoni tal-Qorti Civili, Prim' Awla, tat-3 ta' Mejju, 2002 fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Zarb *et* -vs- Adrian Attard *et***" (Citazz. Nru. 1313/99 GCD). Fil-hsieb tal-Qorti, it-Tribunal ghamel sewwa li telaq minn dan il-punt in kwantu l-konsiderazzjonijiet zvolti f'din id-decizjoni joffru indikaturi siewja hafna anke bi twegiba ghal certi argomenti kontenuti fir-rikors ta' l-appell u sottomessi fid-dibattitu orali quddiem din il-Qorti. Essenzjalment, kif irravvizat dik il-Qorti minn stqarrijiet tal-konvenuti f'dik il-kawza, illi

"(1) Ir-registrazzjoni ghall-ghanijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T.) kienet fuq isem Adrian Attard;
(2) Ellul kien jiehu dejjem hamsin lira (Lm50) fil-gimgha, ikun kemm ikun il-qligh, u l-bqija tal-qligh kien ghal Attard;
u (3) it-telf kien ibatih Attard";

F'din l-istess decizjoni, skond il-kopja esebita a fol. 33 tal-process, il-Qorti Civili, Prim' Awla ma naqsetx milli tirrimarka illi "mhux biss dan huwa taghrif bizzejjed biex johloq is-suspett illi jaghti lill-atturi l-interess illi jkunu jafu x'kien il-ftehim bejn Ellul u Attard, izda wkoll fl-istess hin huwa bizzejjed biex tasal ghad-decizjoni dwar jekk il-ftehim kienx tassew ftehim ta' impjieg jew kienx ftehim iehor simulat". Gja qabel dan il-bran, dik il-Qorti kienet osservat illi "ghalkemm il-konvenuti xehdu illi l-konvenut Attard kien biss impjegat tal-konvenut Ellul, waqt is-smigh intwera bizzejjed biex johloq ghall-anqas suspett illi l-interess tal-konvenut Attard fin-negozju kien aktar mill-interess ta' impjegat";

Il-Qorti hasset il-htiega li tirriproduci dawn l-estratti mis-sentenza surreferita, u li ghal kull effetti tikkostitwixxi *res judicata* la ma gietx appellata, in kwantu din tannebula ghal kollox l-insistenza ta' l-appellanti, anke fil-prezenti istanza, illi Adrian Attard u l-gharusa tieghu kienu semplici impjegati tieghu bi hlas ta' zewg liri fis-siegha b'Attard

ukoll is-*substitute* fuq il-permess. Il-verita rapprezentata mill-provi f'dik il-kawza l-ohra, dimostrattivi ta' fattijiet determinati, u li fuqhom l-Qorti adita fformat il-konvinzjonijiet taghha, hi xort'ohra minn dik li l-appellanti jittantaw bi sforz li jirrapprezentaw. Mill-komparizzjoni tal-provi, ta' naha u ta' ohra, kemm f'dik il-kawza u wkoll f'dik attwali, u dejjem skond il-kriterju generali tac-certezza morali, din il-Qorti ma ssibx, fuq l-ezami taghha tac-cirkustanzi kollha tal-kaz, illi l-versjoni ta' l-appellanti Emmanuel Ellul hi wahda attendibbli u verosimili;

F'tema ta' dritt, u dejjem fuq l-istregwa tal-konstatazzjonijiet maghmula f'dik il-kawza l-ohra mill-provi prodotti, din il-Qorti lanqas tista' tilqa' l-proposizzjoni ta' l-appellanti; skartata l-figura guridika tac-cessjoni, illi ma kienetx tikkonfigura, fil-fizjonomija guridika taghha, is-sullokazzjoni ghax kien jonqos l-element tal-korrispettiv. Hi disposizzjoni espressa tal-ligi, ex-Artikolu 1533 (1) tal-Kodici Civili, illi "l-kera jista' jikkonsisti sew fi flus kemm f'xi kwantita ta' oggetti jew ukoll f'sehem tal-frottijiet li l-haga taghti". Jinzel minn dan illi l-kera seta' jikkonsisti f'sehem tal-profitti mit-tmexxija tal-hanut u mhux bilfors fi hlas perijodiku ta' somma determinata. F'dan il-kaz, imbaghad, l-ammont ricevut mill-appellanti minghand Attard kien wiehed fiss u perijodiku wkoll. Gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, sede Civili, in re: "**Rachele Agius -vs- Giuseppa Mercieca *nomine***", 26 ta' April, 1957, illi "ghaldaqstant jekk il-kerrej jitlaq l-ezercizzju tal-hanut lil haddiehor, li tobbliga ruhha li thallas lil dak il-kerrej sehem mill-profitti, u minghajr ma jissemma xejn li dak il-kerrej ghandu jbati sehem mill-perditi eventwali ta' dak il-hanut ... ma jistax jigi ritenut li l-intenzjoni kienet li jifformaw socjeta` jew assocjazzjoni bejniethom, izda tirrizulta l-figura ta' lokazzjoni, u r-rata ta' profitti stabbilita favur l-inkwilin tirrapprezenta l-prezz ta' l-istess lokazzjoni". Ara wkoll "**Vincent Victor Debattista -vs- Domenico Carbonaro**", Appell Civili, 28 ta' Mejju, 1979. Huwa veru li fil-kaz prezenti l-appellanti ma vvantax l-ezistenza ta' assocjazzjoni bhal din. Lanqas, pero`, ma tissussisti l-qaghda ta' principal-impjegat, kif hekk, pretestwozament, sottomess minnu. In vista ta' dan kollu kkonsidrat, il-Qorti

ma thossx li tista' toqghod b'affidament fuq il-versjoni supplita mill-appellanti;

Issa l-appellanti jridu jiehdu argoment mill-allegazzjoni li kien hemm rinunzja da parti ta' l-atturi appellati ghal fatt li dawn issoktaw jircevu l-kera bla rizerva. Fuq din il-kwestjoni jinsab affermat in linea ta' principju illi "rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-proprozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu". Ara "**Michele Tabone *et* -vs- Emmanuel Sammut *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950;

Bir-rispett dovut, din il-Qorti ma tistax taccetta dak sottomess mill-appellanti illi r-rinunzja hi presupposta mill-fatt illi l-atturi appellati accettaw il-kera minghandhom minghajr l-awment mitlub u minghajr ebda rizerva ghalih. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi l-atturi appellati fethu zewg proceduri di fronte ghall-appellanti biex jikkonsegwixxu d-dritt pretiz minnhom. Tali konstatazzjoni ma tistax, fil-hsieb tal-Qorti, ggib ghal qaghda ta' xi abbandun ta' dritt. Pjuttost, u inversament, il-konservazzjoni ta' dak l-istess dritt manifestata minn dik il-volonta taghhom li jittutelaw l-interess taghhom taht l-iskrittura ta' lokazzjoni tad-9 ta' Settemrbu, 1992 (ara kopja a fol. 5). Kull titubar mill-atturi dwar il-mod tar-redazzjoni tar-ricevuti ma jistax ghal daqshekk jekwivali ghal dik ir-rinunzja abdikativa ghal konsegwiment ta' l-awment fil-kera. Kif dottrinalment insenjat "*in ogni caso la volonta`, che in generale serve di substrato ad una rinunzia, dev'essere sempre certa, non semplicemente presunta; e percio non puo` argomentarsi da un fatto che faccia ritenere probabile l'esistenza della volonta` di rinunziare senza per altro escludere la possibilita` di un' altra volonta` ... 'nemo rem suam jactare praesumitur'*." Ara d-decizjoni fl-ismijiet "**Carmela Caruana -vs- John**

**Caruana**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 14 ta’ Dicembru, 1959, li minnha din is-silta hi mehuda;

L-appellanti jissollevaw ukoll bi gravam il-kwestjoni illi huma ma humiex il-legittimi kontradittur. Issa, apparti dak li jinghad fis-succitata skrittura ta’ lokazzjoni dwar ir-responsabilita` assunta mill-appellanti fir-rigward tal-hlas tal-kera u ta’ l-osservanza tal-kondizzjonijiet lokatizji, ma jirruzltax li din id-difiza procedurali issa proposta, tqajmet f’xi eccezzjoni formali tant li t-Tribunal, f’ebda parti tas-sentenza, ma ezamina, u wisq anqas, iddecieda, l-mertu taghha. Ma jidherx li huwa lecitu illi l-appellanti jissollevaw kwestjonijiet bhala xi *ius novarum* f’din is-sede ghax il-mezz ta’ l-appell mhux moghti biex jigu rilevati kontestazzjonijiet li ma tqajmux meta kellhom jitqajmu izda biss ghal fini illi l-appellanti jirrimetti in diskussjoni fil-konfront tal-parti avversa l-oggett tad-decizjoni moghtija minn tribunal ta’ l-ewwel grad. Kif gja inghad, u kif sewwa wkoll sottomess mill-atturi appellati fir-risposta ta’ l-appell taghhom, mill-istess termini tal-ftehim lokativ ir-responsabilita` ghall-hlas tal-kera u dik ta’ l-awment ta’ l-istess tiqba’ a karigu ta’ l-appellanti, salv kull dritt ta’ rivalsa li dawn jista’ jkollhom kontra terzi.

Ghal motivi kollha superjorment dedotti l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jitbatew mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------